## “FISSRILHOM KULMA KIEN HEMM FL-ISKRITTURA FUQU” (LUQA 24:22-27)

**Studju ta’ Rev. Dr Marcello Ghirlando OFM**

Din is-silta ċkejkna hi parti essenzjali u integranti tal-ġrajja tal-manifestazzjoni liż-żewġ dixxipli ta’ Għemmaws kif irrakkuntata minn San Luqa (24:13-35), ġrajja partikulari għal dan l-Evanġelista u x’aktarx imsemmija minn San Mark f’16:12-13. Hawnhekk il-link jista’ jkun il-kumment ta’ Mark meta jgħid: “wera ruħu taħt sura oħra lil tnejn minnhom huma hu sejrin bil-mixi lejn ir-raba’ ... (v.12).

Il-ġrajja sħiħa ta’ Għemmaws isseħħ nhar Ħadd il-Għid filgħaxija. Jidher ċar li l-vrus 22-24 jiġbru fihom dak li jseħħ fl-ewwel tnax-il vers tal-istess kapitlu; il-vers 35 imbagħad jagħti sommarju qasir ta’ dak li kien ġara fit-triq u mal-mejda. Hu l-kjasmu li Luqa jirnexxilu joħloq madwar il-ġrajja ċentrali ta’ Għemmaws. Hi ġrajja li sseħħ matul vjaġġ. Jidher li dan hu l-vjaġġ tal-fidi li jippermetti lid-dixxipli jagħrfu li l-laqgħa mal-Mulej Irxoxt tagħti ċ-ċavetta biex wieħed jifhem li l-passjoni u l-qawmien/eżaltazzjoni tal-Mulej isibu x-xhieda anke fl-Iskrittura Mqaddsa.

Imma ejjew inħarsu ħafif ħafif lejn xi elementi eseġetiċi li jistgħu jgħinuna nifhmu aħjar dawn il-vrus magħżula u nħalluhom idawlu l-mixja tad-dixxipulat tagħna.

### L-ESEĠEŻI TAT-TEST[1]

**“Issa wkoll xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni ħdejn il-qabar [23]u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj” (vv.22-23).**

[1] Jannes Reiling, u Jan L. Swellengrebel, *A Handbook on The Gospel of Luke*. UBS Handbook Series (New York: United Bible Societies, 1971), 747-758; Luke T. Johnson, *The Gospel of Luke*. Sacra Pagina, 3 (Collegeville, MN: Michael Glazier - Liturgical Press, 1991), 395-396; John Nolland, *Luke 18:35–24:53*. Word Biblical Commentary, 35C (Dallas: Zondervan, 1993), 1194-1209.

Ἀλλὰ καὶ (*allà kai*) "Issa wkoll", fis-sens ta' "minkejja dan kollu". "Dan kollu" jirreferi għad-diskors fuq l-passjoni u l-mewt ta' Ġesù li għal Kleofa kienu t-tmiem drammatiku tat-tama messjanika tagħhom. Minkejja dan kollu xi ċaqliqa kien hemm … u hawn il-kuntrast. Hawnhekk Kleofa jagħti sommarju ta' dak li kien ġara l-Ħadd filgħodu, jiġifieri r-rakkont tas-sejbien tal-qabar vojt, komuni għall-erba' evanġelisti.

γυναῖκές τινες ἐξ ἡμῶν ἐξέστησαν ἡμᾶς (*gunaikés tines eks hēmōn ekséstēsan hēmas*), "xi wħud min-nisa tagħna ħasduna". Dawn huma n-nisa li jissemmew f'23: 5-56, "li kienu ġew mill-Galilija ma' Ġesù, marru wara Ġużeppi u raw il-qabar u kif kienu qiegħdu l-katavru; mbagħad reġgħu lura u ħejjew il-fwejjaħ u l-mirra." Il-verb ἐξέστησαν ἡμᾶς (*ekséstēsan hēmas*), 'ħasduna', għandu sens qawwi ħafna: il-ġrajja tal-qawmien li jxandru kienet kbira wisq biex titwemmen! Kienet ġrajja li qanqlet sorpriża u anke nuqqas ta' għarfien u konfużjoni.

γενόμεναι ὀρθριναὶ ἐπὶ τὸ μνημεῖον (*genómenai orthrinaì epì to mnēmeion*), "għax marru kmieni ħdejn il-qabar". L-esperjenza tagħhom seħħet kmieni mas-sebħ. Hawn sens qawwi ta' ċaqliq: riedu jmorru kemm jista' jkun malajr, kellhom xewqa li jaslu lejn il-qabar, γενόμεναι.... ἐπὶ τὸ μνημεῖον (*genómenai... epì to mnēmeion*). Kienu n-nisa li "ħejjew il-fwejjaħ u l-mirra" (v.56) imma li stennew li jgħaddi s-Sibt "skont il-preċett tal-Liġi".

καὶ μὴ εὑροῦσαι τὸ σῶμα αὐτοῦ (*kai mē heurousai to sōma autou*), "u l-katavru tiegħu ma sabuhx". Hi waħda mir-raġunijiet għaliex in-nisa riedu jerġgħu lura fi ħdan il-grupp tad-dixxipli". Imma kien hemm it-tieni raġuni:

ἦλθον λέγουσαι καὶ ὀπτασίαν ἀγγέλων ἑωρακέναι (*ēlthon légousai kai optasían angélōn heōrakénai*), "ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli". Huma "ż-żewġt irġiel/messaġġiera" li jissemmew fil-v.4. It-tħabbira li l-qabar kien vojt u li dehrulhom xi anġli ssir lid-dixxipli miġbura. Lilhom ukoll tingħata l-kelma tal-anġlu: οἳ λέγουσιν αὐτὸν ζῆν (*hoi légousin aotòn zēn*), "li qalulhom li hu ħaj." Dan hu l-kontenut essenzjali tat-tħabbira mlaqqma fir-realtà tal-qabar misjub vojt u li jikkonferma d-dikjarazzjoni doppja li nsibu fil-vers 6 tal-istess kapitlu: "Mhuwiex hawn, imma qam."

**"Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa, imma lilu ma rawhx!" (v.24).**

καὶ ἀπῆλθόν τινες τῶν σὺν ἡμῖν ἐπὶ τὸ μνημεῖον (*kai apēlthón tines tōn sun hēmin epì to mnēmeion*), "Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna". Luqa donnu jagħmel insistenza fuq il-grupp tad-dixxipli, "minn tagħna." Imma anke dawn: καὶ εὗρον οὕτως καθὼς καὶ αἱ γυναῖκες εἶπον (*kai heuron houtōs kathōs kai hai gunaikes eipon*), "u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa." Hi t-tmien darba li jissemma l-qabar, misjub "kif kienu qalu" (ara 19:32 u 22:13).

αὐτὸν δὲ οὐκ εἶδον (*autòn de ouk eidon*), "imma lilu ma rawhx!" Lilu – jiġifieri l-Mulej Ġesù – l-imfittex b'xewqa profonda, ma rawhx, minkejja t-tħabbira tal-anġli li kien xandruh ħaj lin-nisa "minn tagħhom."

**"Qalilhom Ġesù: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?" U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu" (vv.25-27).**

Καὶ αὐτὸς εἶπεν πρὸς αὐτούς "Ὦ ἀνόητοι καὶ βραδεῖς τῇ καρδίᾳ τοῦ πιστεύειν ἐπὶ πᾶσιν οἷς ἐλάλησαν οἱ προφῆται (*kai aotòs eipen pros aoutous "Ho anóētoi kai bradeis tē(i) kardía(i) tou pisteúein epì pasin hois elálēsan hoi prophētai*), "Qalilhom Ġesù: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti!" Jidħol issa fid-diskors Ġesù li dak li se jgħid lit-tnejn, jgħidulhom b'enfasi. Il-bluha u t-toqol huma fil-fatt in-nuqqas ta' twemmin, frott l-inkomprensjoni, f'dak li nkiteb kemm fil-profeti u kemm fil-Liġi (Mosè tal-v.27). Hemm inkomprensjoni tal-moħħ u tal-qalb fil-veritù ta' dak li nkiteb "mill-ispirtu ta' Alla" fl-Iskritturi kollha. Hemm inkomprensjoni tal-verità li qajla qajl tasal qalbhom, bħala ċ-ċentru tal-intelliġenza, għaliha. Niftakru li biex tasal temmen f'Ġesù, bir-realtà tal-qawmien, trid tagħraf l-Iskrittura, "kulma qalu l-profeti."

˙οὐχὶ ταῦτα ἔδει παθεῖν τὸν Χριστὸν καὶ εἰσελθεῖν εἰς τὴν δόξαν αὐτοῦ; (*ouchì tauta édei pathein ton Christòn kai eiselthein eis tēn dóksan autou?*)" "U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?" "U ma kellux" fis-sens li "kien meħtieġ"; hi l-ħtieġa li tindika r-rieda ta' Alla għall-Midluk tiegħu, "il-Messija", it-titlu tal-feddej li kien meħtieġ li jingħata u li "kien meħtieġ" ukoll, bħala konsegwenza loġika, jidħol fil-glorja tiegħu. Hi l-mixja mlaqqma fil-loġika tat-tbatija. Hi l-ħtieġa ta' Alla li jidħol isalva l-bniedem fil-mixja tal-istorja u l-aktar fil-ġrajja ta' Ġesù.

καὶ ἀρξάμενος ἀπὸ Μωϋσέως καὶ ἀπὸ πάντων τῶν προφητῶν διερμήνευσεν αὐτοῖς ἐν πάσαις ταῖς γραφαῖς τὰ περὶ ἑαυτοῦ (*kai arksámenos apò Mōüséōs kai apò pàntōn tōn prophētōn dierméneusen autois en pásais tais graphais ta perì heautou*). "U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu" (v.27). Beda minn Mosè, il-Liġi, u kompla permezz tal-kitbiet profetiċi (ara: Lq 16:29-31 u Atti 26:22 u 2:23). Hi "l-ermenewtika" tal-Kristu, it-tifsira tal-loġika u l-ħtieġa tas-salib li ssib għeruqha fl-Iskritturi Mqadsdsa, Mosè u l-Profeti. Aktar 'il quddiem it-totalità tal-Iskritturi hi enfasizzata meta Luqa, fil-vv.44 u 45 tal-istess kapitli jgħid: "Jeħtieġ li jseħħ kulma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi. Imbagħad fetħilhom moħħhom, biex jifhmu l-Iskrittura." Għandna ikona ta' kif il-Knisja kellha, fuq l-eżempju tal-Irxoxt, "tittraduċi/tifhem u tfiehem l-Iskritturi fid-dawl tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu.

**KUMMENT**[2]

Irridu nifhmu dawn il-ftit vrus fir-rakkont sħiħ ta' Għemmaws. Bih Luqa jrid jurina kif il-Mulej hu preżenti anke llum fl-istorja tagħna u l-mod kif id-dixxipli tiegħu jistgħu jiltaqgħu miegħu: fil-Kelma u fil-Qsim tal-Ħobż jistgħu jagħmlu esperjenza tal-preżenza ħajja tiegħu, l-Imgħallem mislub u rxuxtat.

L-għarfien ta' Ġesù neċessarjament jgħaddi mis-smigħ tat-tħabbira tal-kelma tal-Imgħallem u fil-viżjoni ta' wiċċu fil-qsim tal-ħobż. Anke jekk id-dixxipli kellhom l-għarfien tal-Iskritturi, l-iskandlu tas-salib kien għamiehom. Kien neċessarju d-dawl ta' Kristu u l-għarfien tal-ħtieġa tal-*via crucis* biex jifhmu kif Alla kien daħal b'mod definittiv fl-istorja tal-bnedmin.

Fil-pellegrinaġġ tal-ħajja, fit-toroq imwiegħra u bla tama tal-ħajja tal-bnedmin, hemm iterraq l-Imgħallem Irxuxtat, xewqan biex jimxi pass pass mal-bniedem u jurih il-ġmiel tal-imħabba ta' Alla għalih li dehret ... fis-salib, għajn tal-qawmien u ħajja ġdida li timla bil-ferħ.

Min jimxi miegħu fit-triq, bis-saħħa tal-Ispirtu li jkebbes il-qlub, jintgħaġen fil-kelma maqsuma u mfissra u jgħix bis-saħħa tal-ħobż li fuqha tingħad il-barka u jinqasam.

---

2 AA.VV., *Una comunità legge il Vangelo di Luca*, vol. II. Lettura Pastorale della Bibbia (Bologna: Edizioni Dehoniane, 1991), 456-462; Bruce B. Barton, David R. Veerman, Linda C. Taylor, u Grant R. Osborne, *Luke* (Wheaton, IL: Tyndale House, 1997), 557-565.

Ir-rakkont ta' Luqa jfakkarna li lkoll pellegrini, imsejħa biex ngħaddu mill-qtigħ il-qalb għall-milja tal-ħajja fih. Ilkoll imsejħa nkunu pellegrini, anzi ġerrejja ... li jterrqu bil-ferħ lejn il-ġemgħa tad-dixxipli li flimkien jistgħu jgħidu: "Il-Mulej qam u deher lil Xmun"... u lilna lkoll! F'dan il-kuntest nifhmu allura dak li eżaminajna fil-qosor u mill-vrus nistgħu nisiltu xi indikazzjonijiet pastorali.

**Indikazzjonijiet Pastorali | Kunsiderazzjonijiet**

1. Il-qtigħ il-qalb ta' Kleofa u sieħbu forsi jirrifletti l-kaos interjuri li kellhom jesperjenzaw anke n-nisa li marru u sabu l-qabar vojt u kellhom jisimgħu t-tħabbira tal-anġli jxandru l-qawmien ta' Ġesù. Kemm id-dixxipli ta' Għemmaws, kif ukoll in-nisa li marru kmieni filgħodu lejn il-qabar huma ppreżentati f'mixja ... min imxennaq li jasal sal-qabar biex jidlek il-ġisem mejjet ta' Ġesù u min qalbu maqtugħa miexi lejn ir-raħal tiegħu biex jerġa' jibda mill-ġdid, b'ħafna domandi espressi f'diskussjoni mqanqla bejniethom.
   Mhux rifless tal-bniedem tal-lum, dawk li jemmnu u dawk li ma jemmnux? Spiss mingħajr tama qawwija u mfixxkla fuq x'inhu s-sens veru tal-ħajja ... u fejn huma t-tamiet ta' ħajja aħjar quddiem mewġa ta' kultura ta' mewt u ħażen?
   Minkejja dan, il-bniedem jibqa' pellegrin ... min imxennaq li jsib il-verità jew sens fil-ħajja u min miexi f'rutina forsi monotona u mdella. Il-mixja lejn Għemmaws hi neċessità!

2. Kemm kien diffiċli għall-ewwel dixxipli jemmnu fil-qawmien ta' Ġesù, anke wara t-tħabbira tan-nisa u l-esperjenza proprja tal-qabar vojt! Fil-fatt, fost dawk li jemmnu, kemm verament jemmnu fil-qawmien ta' Ġesù, qawmien li jimplika l-qawmien korporali – tal-ġisem, igglorifikat – ta' dawk li jemmnu? Twemmin f'dan, loġikament ikollu konsegwenzi prattiċi fuq il-qdusija tal-ġisem, tempju tal-Ispirtu s-Santu.
   Jekk hu qam ... jista' jimxi magħna fit-triq, jista' jfissrilna l-Iskritturi, jista' jidħol magħna, jista' jaqsam il-ħobż fuq il-mejda magħna. Id-dixxiplu ta' Ġesù għandu din il-garanzija bis-saħħa tal-fidi. Imma kemm niftħu qalbna għal din il-bxara tal-ġenn, għal dan l-Evanġelju?

3. Ġesù jkisser ftit ftit in-nuqqas ta’ tama, l-għeluq tal-moħħ u tal-qalb billi jifli/jfisser/jaqsam l-Iskrittura. L-għeluq tar-rakkont ifakkarna li dan kebbes il-qlub – hu d-don tal-Ispirtu, l-ewwel don per eċċellenza tal-fidwa ta’ Ġesù. L-Ispirtu jħoll l-iskandlu tas-salib, inissel il-fidi, iwassal għall-esperjenza li Kristu hu verament ħaj.

   Ġesù jfisser il-ġdid tal-aġir ta’ Alla permezz tiegħu u b’mod partikulari il-ħtieġa ta’ salibu fid-dawl tal-Iskritturi.

   Fuq livell pastorali dawn isiru sejħa għall-iskoperta mill-ġdid tal-Ispirtu li kapaċi jħoll l-ebusija tal-qalb quddiem il-Kelma ta’ Alla, Kelma li wieħed irid jixxennaq għaliha għax hi preżenza ta’ Kristu u tal-proġett tal-imħabba ta’ Alla lejn il-bniedem permezz ta’ Kristu.